

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-1 ta' Ottubru 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2004/432/KE dwar l-approvazzjoni ta' pjanijiet għall-monitoraġġ ta' residwi sottomessi minn pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5531)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/772/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

mrobbi fl-irziezet, barra min-ngħam. B'mod partikolari, it-teħid ta' kampjuni kien qed isir iżda l-analiżi tal-laboratorju ma sarux.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali haġjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 96/23/KE tistipula miżuri għall-monitoraġġ ta' sustanzi u gruppi ta' residwi elenkati fl-Anness I tagħha. Skond id-Direttiva 96/23/KE, l-inklużjoni u ż-żamma fuq il-listi tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimpurtaw annimali u prodotti primarji li joriġinaw mill-annimali koperti minn dik id-Direttiva, għandhom ikunu soġġetti għat-tressiq ta' pjan mill-pajjiżi terzi kkonċernati li jistipula l-garanziji li huma joffru fejn jidħol il-monitoraġġ tal-gruppi ta' residwi u sustanzi elenkati f'dak l-Anness.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/432/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-approvazzjoni tal-pjani tal-monitoraġġ tal-fdalijiet sottomessi minn pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE <sup>(2)</sup> tapprova l-pjanijiet għall-monitoraġġ tar-residwi sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni għal prodotti tal-annimali u prodotti primarji indikati f'dik il-lista.
- (3) Fir-rigward tal-annotazzjoni tal-Afrika t'Isfel, l-importazzjonijiet ta' laħam tat-tjur tal-kaċċa selvaġġ u mrobbi fl-irziezet, barra min-ngħam, tħassru mil-lista ta' importazzjonijiet awtorizzati elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/432/KE, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/407/KE tat-2 ta' Ġunju 2008 <sup>(3)</sup>, billi l-Afrika t'Isfel naqset milli ttiprovdi evidenza għall-implimentazzjoni ta' pjan għal tajr selvaġġ tal-kaċċa u

- (4) L-ispezzjoni tal-Kummissjoni fl-Afrika t'Isfel li saret mit-2 sas-7 ta' Lulju 2008 wriet illi l-pjan għall-monitoraġġ tar-residwi mill-2007 sal-2008 kien implimentat f'dak il-pjan terz kemm għall-tajr tal-kaċċa selvaġġ u mrobbi fl-irziezet, u li t-teħid ta' kampjuni skond il-pjan għall-monitoraġġ tar-residwi mill-2007 sal-2008 kien komplut u li għaddej t-teħid ta' kampjuni skond il-pjan għall-monitoraġġ tar-residwi mill-2008 sal-2009. Għaldaqstant, billi l-pjanijiet approvati li jkopru s-snin mill-2006 sal-2007 u mill-2007 sal-2008 kienu implimentati u l-analiżijiet tal-laboratorju kienu suffiċjenti, is-sitwazzjoni ġenerali dwar il-kontroll tar-residwi tat-tjur tal-kaċċa mrobbi fl-irziezet u selvaġġ hija sodisfaċenti. Fuq dik il-bażi, huwa f'loku illi tiġi emendata il-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/432/KE biex l-importazzjoni fil-Komunità tat-tjur tal-kaċċa selvaġġ u mrobbi fl-irziezet mill-Afrika t'Isfel, inkluż in-ngħam, tkun awtorizzata skond il-pjanijiet approvati.
- (5) L-Iżrael issottometta pjan għall-monitoraġġ tar-residwi lill-Kummissjoni għat-tajr tal-kaċċa mrobbi fl-irziezet. Il-valutazzjoni ta' dak il-pjan u l-informazzjoni addizzjonali miksuba mill-Kummissjoni jipprovdu biżżejjed garanziji, dwar il-pjan għall-monitoraġġ tar-residwi għat-tajr tal-kaċċa mrobbi fl-irziezet. Dak il-prodott għandu għalhekk jiġi inkluż fl-annotazzjoni tal-Iżrael fil-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/432/KE.
- (6) Iċ-Ċina issottomettiet pjan għall-monitoraġġ tar-residwi lill-Kummissjoni għall-bajd. Il-valutazzjoni ta' dak il-pjan u l-informazzjoni addizzjonali miksuba mill-Kummissjoni jipprovdu biżżejjed garanziji, dwar il-pjan għall-monitoraġġ tar-residwi għall-bajd. Dak il-prodott għandu għalhekk jiġi inkluż fl-annotazzjoni taċ-Ċina fil-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/432/KE.
- (7) L-Ukraina ssottomettiet pjan għall-monitoraġġ tar-residwi lill-Kummissjoni għat-tjur, l-ekwidi u l-akkwakultura. Il-valutazzjoni ta' dak il-pjan u l-informazzjoni addizzjonali miksuba mill-Kummissjoni jipprovdu biżżejjed garanziji, dwar il-pjan għall-monitoraġġ tar-residwi għal daww il-prodotti. Dawn għandhom għalhekk jiġu inklużi fl-annotazzjoni tal-Ukraina fil-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/432/KE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.<sup>(2)</sup> ĠU L 154, 30.4.2004, p. 44.<sup>(3)</sup> ĠU L 143, 3.6.2008, p. 49.

(8) Xi żbalji dwar in-numerazzjoni ta' ċerti noti tal-qiegħ tal-paġna fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/407/KE għandhom jiġu rranġati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-30 ta' Settembru 2008.

(9) Id-Deċiżjoni 2004/432/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

Magħmula fi Brussell, 1 ta' Ottubru 2008.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2004/432/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX

## "ANNEX

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/keprini	Majjali	Ekwini	Tjur	Akkwakul-tura	Ħalib	Bajd	Fenek	Speċi slavaġ tal-kaċċa	Speċi tal-kaċċa mrobbi	Għasel
AD	Andorra (1)	X	X		X								
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						X						
AL	L-Albanja		X				X		X				
AN	L-Antilli Olandiżi							X (2)					
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X	X			X	X	X
BA	Il-Bosnija u l-Herzegovina						X						
BD	Il-Bangladexx						X						
BR	Il-Brażil	X			X	X	X						X
BW	Il-Botswana	X										X	
BY	Il-Belarus				X (3)		X	X	X				
BZ	Il-Belize						X						
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CH	L-Iżvizzera	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċili	X	X (4)	X		X	X	X			X		X
CN	Iċ-Ċina					X	X		X	X			X
CO	Il-Kolombja						X						
CR	Il-Kosta Rika						X						
CU	Kuba						X						X
EC	L-Ekwador						X						
ET	L-Etjopja												X
FK	Il-Gżejjer Falklands	X	X										
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X						

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/keprini	Majjali	Ekwini	Tjur	Akkwaku- tura	Ħalib	Bajd	Fenek	Speċi slavaġ tal-kaċċa	Speċi tal- kaċċa mrobbi	Għasel
GL	Greenland		X								X	X	
GM	Il-Gambja						X						
GT	Il-Gwatemala						X						X
HK	Hong Kong					X <sup>(5)</sup>	X <sup>(5)</sup>						
HN	Il-Honduras						X						
HR	Il-Kroazja	X	X	X	X <sup>(6)</sup>	X	X	X	X	X	X	X	X
ID	L-Indoneżja						X						
IL	L-Iżrael					X	X	X	X			X	X
IN	L-Indja						X	X	X				X
IS	L-Izlanda	X	X	X	X		X	X				X <sup>(5)</sup>	
IR	L-Iran						X						
JM	Il-Ġamajka						X						X
JP	Il-Ġappun						X						
KG	Il-Kirgistan												X
KR	Il-Korea t'Isfel						X						
LK	Is-Sri Lanka						X						
MA	Il-Marokk						X						
ME	Il-Montenegro <sup>(5)</sup>	X	X	X	X <sup>(6)</sup>								X
MG	Il-Madagaskar						X						
MK	L-eks Repubblika Jugożlava tal-Maċdonja <sup>(6)</sup>	X	X		X <sup>(6)</sup>			X					
MU	Il-Mawrizju					X <sup>(5)</sup>	X						
MX	Il-Messiku				X		X		X				X
MY	Il-Malaġja					X <sup>(7)</sup>	X						
MZ	Il-Możambik						X						
NA	In-Namibja	X	X								X	X	

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/keprini	Majjali	Ekwini	Tjur	Akkwakul-tura	Ħalib	Bajd	Fenek	Speċi slavaġ tal-kaċċa	Speċi tal-kaċċa mrobbi	Għasel
NC	Il-Kaledonja l-Għdida	X					X				X	X	X
NI	In-Nikaragwa						X						X
NZ	New Zealand	X	X		X		X	X			X	X	X
PA	Il-Panama						X						
PE	Il-Perù					X	X						
PH	Il-Filippini						X						
PN	Il-Gżejjer Pitcairn												X
PY	Il-Paragwaj	X											
RS	Is-Serbja <sup>(8)</sup>	X	X	X	X <sup>(6)</sup>	X	X	X	X		X		X
RU	Ir-Russja	X	X	X	X <sup>(6)</sup>	X		X	X			X <sup>(9)</sup>	X
SA	L-Għarabja Sawdita						X						
SC	Is-Seychelles						X						
SG	Singapor	X <sup>(5)</sup>	X <sup>(5)</sup>	X <sup>(5)</sup>		X <sup>(5)</sup>	X <sup>(5)</sup>	X <sup>(5)</sup>					
SM	San Marino <sup>(10)</sup>	X		X									X
SR	Is-Surinam						X						
SV	El Salvador												X
SZ	Is-Sważiland	X											
TH	It-Tajlandja					X	X						X
TN	It-Tunizija					X	X				X		
TR	It-Turkija					X	X	X					X
TW	It-Tajwan						X						X
TZ	It-Tanzanija						X						X
UA	L-Ukraina				X	X	X	X	X				X
UG	L-Uganda												X
US	L-Istati Uniti	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X	X		X	X	X	X

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/keprini	Majjali	Ekwini	Tjur	Akkwakul-tura	Ħalib	Bajd	Fenek	Speċi slavaġ tal-kaċċa	Speċi tal-kaċċa mrobbi	Għasel
VE	Il-Venezwela						X						
VN	Il-Vjetnam						X						
YT	Mayotte						X						
ZA	L-Afrika t'Isfel										X	X	
ZM	Iż-Żambja												X
ZW	Iż-Żimbabwe						X					X	

(1) Il-pjan inizjali għall-monitoraġġ tar-residwi approvat mis-sottogrupp veterinarju KE-Andorra (skond id-Deċiżjoni Nru 2/1999 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra tat-22 ta' Diċembru 1999 (ĠU L 31, 5.2.2000, p. 84)).

(2) Pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima minn pajjiżi terzi oħra approvati għall-produzzjoni tal-ikel.

(3) Esportazzjonijiet ta' ekwini ħajjin għall-qatla (animali għall-produzzjoni tal-ikel biss).

(4) Annimali ovini biss.

(5) Sitwazzjoni provviżorja bi stennija għal aktar informazzjoni dwar ir-residwi.

(6) L-ex Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li bl-ebda mod ma jagħmel ħsara lin-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li bħalissa qed tiġi diskussa min-Nazzjonijiet Uniti.

(7) Il-Malażja Peninżulari (tal-Punent) biss.

(8) Mhux inkluż il-Kosovo kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

(9) Għar-renni mir-reġjuni ta' Murmansk u Yamalo-Nenets biss.

(10) Il-pjan ta' monitoraġġ approvat skond id-Deċiżjoni Nru 1/94 tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni KE-San Marino tat-28 ta' Ġunju 1994 (ĠU L 238, 13.9.1994, p. 25)."